MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 295/2004

Auto Sales Limited
vs
Louis Pace u Mexico Garage Rent A Car Limited

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi peress illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' erba' u ghoxrin elf hames mija u disghin liri Maltin (Lm24, 590) rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut skond kambjalijiet.

Illi peress li ghalkemm interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut il-konvenuti ma hallsux.

Illi peress li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur ipprezenta mac-citazzjoni affidavit guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok B).

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti li :

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien ihallsu lill-atturi l-ammont ta' Lm24,590 liema ammont huwa dovut kif spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru 2003 u tal-ittra bonarja datata 1 ta' Marzu 2004 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentat mis-socjeta` attrici.

Semghet lid-difensur tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Semghet bil-gurament lil Dr. Philip Manduca li qal li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta` Auto Sales Limited u kkonferma li l-ammont kollu msemmi fl-avviz huwa dovut hlief ghal Lm800 li gie mhallas fil-mori tal-kawza. Esebixxi l-kambjalijiet originali li huma kollha skaduti u dovuti. Zied jghid li llum il-gurnata ghad fadal l-ammont ta' Lm24590 tnaqqas minnu Lm800 li gew imhallsa fil-mori tal-kawza.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mil-ligi baqghu kontumaci;

Rat li fis-seduta tal-lum meta l-konvenuti gew msejhin tlitt darbiet ma dehrux.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-

procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Tilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti flimkien ihallsu lill-atturi l-ammont ta' Lm23,790, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru 2003 u tal-ittra bonarja datata 1 ta' Marzu 2004 u bl-imghax legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------